**QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 26 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 9 / 15RGM

Kawza fil-lista: 11

**R X**
**vs**
**T X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet, R X, u T X izzewgu nhar il-hamsa [05] ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) gewwa l-Knisja ta' G'Mangia, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied: W X imwielda nhar l-ghoxrin [20] ta' Awwissu tas-elfejn u hamsa [2005] u L X imwielda nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja [2008] kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid ta' ulied il-kontendenti;

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba l-inkompatibbilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba f'servigi, theddid u ingurja gravi da parti tal-intimat;

4. Illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali u mar jghix ghand ommu.

5. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta’ Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-disgha [09) ta' Jannar, tas-sena elfejn u hmistax [2015];

6. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli mill-intimat ta’ servigi, theddid u ingurja gravi kontra l-esponenti;

2. Tordna illi r-rikorrenti ikollha l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti, il-minuri W u L X;

3. Takkorda manteniment xieraq ghar-rikorrenti u ghall-minuri W u L X;

4. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skond il-ligi;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi kkonsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponenti skond il-ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-isterss komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv, kif ukoll kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

7. Tezenta lill-esponenti milli tkun responsabbli ghal dejn li l-intimat ghandu jew jista' jkollu;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-intimat jaqbel illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom, pero' s-sanzjonijiet ikkontemplati fl-Art. 48 et seq. tal-Kap. 15 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati kontra r-rikorrenti R X u dana billi l-firda ta' bejniethom sehhet bi htija taghha u dana hekk kif se jipprova l-istess intimat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna. Minhabba f'hekk is-sitt talba attrici ghandha tigi michuda wkoll;

2. Illi l-intimat jaghmel riferenza ghat-tieni talba fir-rikors mahluf promotorju u ma jaqbilx mal-istess billi l-kura u l-kustodja tal-ulied W u L X ghandha tkun fdata lilu;

3. Illi dwar it-tielet talba attrici, l-intimat qed jopponi bil-qawwa tieghu li hu jmantni lill-attrici proprio u dana billi m'hemm l-ebda raguni fil-ligi ghalfejn hu ghandu jmantniha.

4. Illi l-inimat ma jaqbilx illi huwa ddekada mill-jedd tieghu ta' manteniment skont il-ligi, izda hija l-attrici li ddekadiet minn tali jedd;

5. Illi l-intimat jaqbel mal-hames talba attrici u cioe' li ghandha tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti u li kull parti ghandha tiehu l-oggetti parafernali taghha b'dana illi d-data li ghandha tigi stabbilita hija dik minn meta l-attrici ghandha tigi kkunsidrata hatja tas-separazzjoni;

6. Illi l-intimat jaqbel mas-seba’ talba;

7. Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mill-ligi.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:

1. Illi l-intimat qed jipprevalixxi ruhu mid-disposizzjonljiet tal-Kap. 12 tal-Ligiiiet ta' Malta halli hu jressaq din ir-rikonvenzjoni tieghu;

2. Illi l-kontenderrti zzewgu fil-hamsa (5) ta’ Ottubru 2002 u minn tali zwieg twieldu zewgt itfal bl-isem ta' W u L X it-tnejn minorenni;

3. Illi l-hajja konjugali giet reza impossibli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid u adulterju komrnessi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u kif ukoll minhabba nkompatibilita' ta' karattru.

4. Illi ghalhekk il-konvenut-rikonvenzjonant qed iressaq din ir-rikonvenzjoni tieghu wara li l-kontendenti gew awtorizzati li jistitwixxu dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant l-esponent-rikonvenzjonant jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici-rikonvenzjonata kif hawn fuq premess;

2. Tordna illi l-esponernt ikollu l-kura u kustodja ta' ulied il-kontendenti W u L X;

3. Takkorda mantenirnent xieraq ghall-minuri W u L X li ghandhom jithallsu mill-attrici-rikonvenzjonata;

4. Tiddikjara illi l-attrici-rikonvenzjonata iddekadiet minn kull jedd ghall-manteniment taghha skont il-Ligi;

5. Tawtorizza lill-konvenut-rikonvenzjonant jghix sseparat minn ma' l-attrici rikonvenzjonata;

6. Tapplika kontra l-attrici-rikonvenzjonata s-sanzjonjiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk ikkontemplati fl-artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili;

7. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba kontra l-attrici-rikonvenzjonata okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

8. Tinnomina jekk ikun il-kaz Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni tal-immobli appartenenti lill-kommunjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-attrici-rikonvenzjonata f'kaz ta' bzonn, u dana minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti;

9. Tikkundanna lill-attrici-rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-konvenut-rikonvenzjonant l-proprjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici-rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba:

1. Illi hija taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-Separazzjoni Personali bejntiethom izda din is-separazzjoni hija minhabba ragunijiet imputabbli lil T X.

2. Illi l-kura u l-kustodja ta' ulied il-kontendenti, il-minuri W u L X ghandha tigi akkordata lil R X u konsegwentement it-talba maghmula sabiex l-kura u kustodja taghhom tigi akkordata lil T X ghandha tigi michuda.

3. Illi konsegwenrtement ghandha tigi michuda t-talba li jigi akkordat manteniment xieraq ghal minuri tal-kontendenti li ghandhom jithallsu minn R X.

4. Illi ghandha tigi michuda t-talba sabiex jigi dikjarat li l-attrici R X iddekadiet minn kull jedd ghal manteniment xieraq stante li ghal din is-separazzjoni jahti esklussivament T X.

5. Illi taqbel li T X ghandu jigi awtorizzat jghix separatament minn ma’ R X izda dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess T X.

6. Illi s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk kontemplati fl-Art. 48 et seq tal-Kodici Civili m'ghandhomx jigu applikati kontra R X izda ghandhom jigu applikati kontra T X.

7. Illi taqbel li ghandha tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'dana illi kull sanzjoni applikabbli ghandha tigi hekk applikata fil-konfront ta' T X.

8. Taqbel li ghandu jigi nominat nutar pubbliku skond it-tmien [8] talba ta' T X.

9. Ma taqbilx li lil T X ghandu jigi restitwit l-proprjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha, salv dak li huwa permess skond id-disposizzjonijiiet tal-ligi u salv ukoll s-sanzjonijiet applikabbli skond il-ligi kontra T X.

10. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat rikonvenzjonant T X ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Marzu 2015 fejn ordnat li pendente lite ghandha tirrisjedi fil-fond matrimonjali R X ad eskluzjoni tal-konvenut b’dan illi R X hija projbita milli ddahhal fid-dar matrimonjali terzi persuni li ma humiex membri tal-familja;

Rat l-istess digriet taghha tal-25 ta’ Marzu 2015 fejn innominat il-psikologa Carmen Sammut sabiex tipprepara rapport psikologiku fuq iz-zewg genituri bil-fakolta` li tiltaqa’ maz-zewg uliedhom minuri u ma' membri ohrajn tal-familja;

Rat id-digriet taghha ta' l-14 ta' April 2015 li permezz tieghu gie estiz l-inkarigu tal-psikologa Carmen Sammut fis-sens illi r-rapport psikologiku ghandu jsir mhux biss fuq iz-zewg genituri izda wkoll fuq iz-zewg minuri;

Rat l-istess digriet taghha ta' l-14 ta' April 2015 fejn innominat bhala Haddiema Socjali lil Andreana Gellel sabiex tiehu hsieb li tlaqqa' liz-zewg minuri W u L ahwa X mhux fil-prezenza tal-genituri, ghal ta' lanqas darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba;

Semghet lil ulied minuri tal-partijiet in camera fil-prezenza tal-psikologa Carmen Sammut fis-6 ta' Novembru 2015;

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2015 fejn *inter alia* ordnat illi z-zewg minuri jqattghu weekend flimkien alternattivament ghand ommhom u l-gimgha ta' wara ghand il-konvenut;

Rat id-digriet taghha in camera tas-17 ta' Dicembru 2015 fejn l-access tal-konvenut ghall-minuri gie sospiz b'dan illi l-minuri W ghandha tibqa' tirrisjedi ma' ommha b'effett immedjat flimkien ma' ohtha;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta Marzu 2016 fejn ordnat lill-konvenut ihallas b'effett mit-2 ta' Frar 2016 manteniment ghaz-zewg minuri fis-somma ta' €400 fix-xahar li jinkludi spejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni, filwaqt li spejjez straordinarji ta' sahha u edukazzjoni jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 2016 fejn innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia sabiex jisma' l-provi limitatament ghall-aspett patrimonjali tal-vertenza;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2017 fejn ordnat illi l-kontijiet tal-ARMS Limited relattivament ghad-dar matrimonjali jithallsu mill-konvenut riferibbilment sal-perijodu li jispicca fil-15 ta' Novembru 2014 filwaqt illi l-kontijiet li jinhargu wara l-15 ta' Novembru 2014 jithallsu mill-attrici. Ordnat ukoll fl-istess digriet li l-polza ta' assigurazzjoni ghandha tithallas nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Awwissu 2017 fejn iddikjarat li ser tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenut tal-11 ta' Awwissu 2017 fis-sentenza finali;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2017 fejn iddikjarat li ser tipprova dwar ir-rikros ta' l-attrici tad-9 ta' Mejju 2017, fis-sentenza finali;

Rat ukoll iz-zewg digrieti taghha tas-27 ta’ Gunju 2016 fejn dikjarat li ser tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenut ta’ l-24 ta’ Gunju 2016 u dwar ir-rikors ta’ l-attrici tal-14 ta’ Gunju 2016, fis-sentenza finali;

Rat id-Digrieti l-ohra kollha taghha;

Semghet il-provi u rat il-provi kollha li nstemghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rapport ta’ l-espert psikologoka Carmen Sammut u x-xhieda taghha in eskussjoni;

Rat u kkunsidrat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-partijiet waqt l-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2017 gew awtorizzati jipprezentaw Nota ta’ Sottomissjonijiet u rat ukoll in-noti rispettivi pprezentati mill-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Provi**

Il-partijiet iwahhlu f’xulxin ghat-tifrik taz-zwieg, izda biex il-Qorti taghti idea ta’ x’hiex wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, sejra taghmel sunt ta’ l-Affidavits ipprezentati miz-zewg partijiet f’din il-kawza.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici xehdet permezz ta’ Affidavit u spjegat illi hija ltaqghet mal-konvenut fis-sena 1994. Fl-ewwel snin tar-relazzjoni taghhom, il-konvenut, li kien dilettant kbir tal-karnival, spiss kien jinsa li kellu jitlaqa’ maghha jew kien jaghzel li jibqa’ l-mahzen minflok jiltaqa’ maghha. Ghall-bidu l-attrici ma kienetx taghti kaz hafna tal-imgieba tieghu u maz-zmien bdiet tinvolvi ruhha fl-attivitajiet tal-karnival sabiex il-koppja tista’ tqatta’ aktar hin flimkien ghaliex oltre ghall-karnival, ma kienx hemm divertiment u hrug ghall-konvenut. Wara xi sena li kien ilhom flimkien, l-attrici tghid illi beda l-inkwiet ma’ omm il-konvenut ghalkemm ghall-bidu kollox kien miexi sew mal-genituri tieghu izda wara ftit ommha bdiet tghajjarha anke quddiem binha li ma tridhiex go darha ghax ma tridx zibel. Ghalkemm xorta wahda l-partijiet baqghu johorgu flimkien, l-attrici damet sena sakemm regghet dahlet fid-dar ta’ omm il-konvenut.

Lill-attrici kien jiddispjaciha ghaliex T qatt ma kien jipprova jaqbez ghaliha u dejjem kien jaghmel dak li tghidlu ommu. Il-partijiet bdew jahdmu filghodu u

filghaxija biex ifaddlu halli jixtru dar u bdew jahdmu x-xoghol *part-time* taghhom fl-istess hanut. Dan kollu dam sejjer ghal hames snin fejn it-tnejn kienu jahdmu hafna biex jistghu jibnu familja flimkien.

L-attrici tiddeskrivi li meta kienu jkunu wahedhom fid-dar ta' omm T jaraw TV, ommu kienet tghajjatlu u tghidlu li go darha ma tridx "ZIBEL". Skond l-attrici, T ma kienx jiddefendiha u kienet titlaq ‘il barra u minhabba varji episodji li ddeskriviet fl-affidavit taghha, waslet ghall-konkluzjoni li qatt ma setghet tkun accettata fil-familja ta’ zewgha.. Tghid li l-familja taghha lil T dejjem habbitu u rrispettatu pero` l-familja ta’ T f'ghoxrin sena li ilha tafhom qatt ma stiednu lill-familja taghha ghandhom u qatt ma marru hemm. Anke fil-hdud ommu qatt ma stednitha tmur tiekol maghhom. Iddeskriviet ukoll id-dizgwid li kellha ma’ oht il-konvenut, Marvic X fl-organizzazzjoni tar-riceviment tat-tieg, u anke bezghet li kien ser ikun hemm inkwiet bejn oht T u l-familja tieghu li kienet tghix fil-Canada u li kienu gew ghat-tieg taghhom.

Minhabba dan l-inkwiet, kien hemm zmien fejn ma kienx hemm kliem bejn l-attrici u l-familja ta’ T izda kien hemm incident iehor bejnha u oht il-konvenut meta T kien l-istpar ftit xhur wara li kienu zzewgu, b’hafna insulti u paroli fil-vojt indirizzati lejn l-attrici tant li ddecidiet li ma tkellimhomx iktar. L-attrici ssemmi incident iehor fejn giet oht il-konvenut fis-sakra taht il-gallarija taghhom u bdiet tinsulentaha meta l-attrici ma kienet ghamlitilha xejn izda omm il-konvenut insistiet li t-tort kollu ta’ l-attrici.

Tispjega li maz-zmien il-problemi minflok naqsu, komplew jizdiedu. Wara sentejn ta’ zwieg taghhna, twieldet il-minuri W izda skond l-attrici l-familja ta' T rari kienu jigu d-dar biex jaraw lit-tifla bl-iskuza li go darha ma setghux ipejpu. Tghid li omm T lanqas biss kienet iccemplilha waqt it-tqala biex tara kif inhi jew jekk kellhiex bzonn xi haga, filwaqt li lil ommha dejjem sabitha hemm ghalija anka fit-tqala. Meta kellha sitt xhur tqala bl-ewwel wild kienet waqfet tahdem *mill-part time* u ghamlet xi sena wieqfa mix-xoghol biex tiehu hsieb it-tarbija.

L-attrici tghid li ma sabet xejn ghajnuna mill-familja ta’ T. Il-konvenut kien jahdem filghodu u kien imur jahdem *part time* xi drabi filghaxija u ma kien jghinha f’xejn li ghandu x’jaqsam mat-tarbija ghax kif kien jismghaha tibki kien jippanikja tant li ma setghetx thalli t-tarbija wahedha mal-konvenut. Skond l-attrici, il-konvenut lanqas kien irid iqum meta t-tarbija kienet tibki bil-lejl u kien jghidilha b’mod salvagg li dak xogholha u mhux xogholu.

Minhabba li dak iz-zmien l-attrici ma kienetx tahdem, kienet tkun dejjem id-dar. Ftit taz-zmien wara kienet thajret li jibdew igibu 1-istudenti barranin joqghodu ghandhom biex ikollhom xi haga zejda tal-flus barra 1-paga ta' T. Minhabba f'hekk il-facendi ta' dar zdiedu hafna u ghalkemm l-attrici riedet li zewgha

jghinnha ftit fil-facendi, kien kollu ghal xejn. Qatt ma kien isib ftit hin ghalihom lanqas biex jitkellmu ftit. Fil-fatt kienet tghidlu li ghalih id-dar qiesha lukanda, ghax wara x-xoghol kien jigi d-dar, jinhasel u jiekol imbaghad jew kien imur 1-mahzen jew kien imur xoghol li kellu fuq *part time.*

Skond l-attrici rega' nqala' l-inkwiet ma' oht T meta wasslet il-quccija tat-tifla taghhom, u kien hemm incident b'hafna tghajjir izda T ma intervjneiex u baqa' jisma' u ma jikkumentax.

Wara hames snin zwieg waslet it-tieni tifla L. Kif L ghalqet sitt xhur kien hemm argument bejn T u 1-familja tieghu cioe` ohtu u ommu u kienu anke tressqu 1-Qorti (ara Dok JMl sa JM3). Kien hemm perijodu ta' tliet snin u nofs li l-familja tieghu, la lil T, la lill-attrici u lanqas lil uliedhom ma kienu jkellmu jew jmorru jarawhom, hlief ghal missier T li xorta kien jibqa' jigi jarahom u jkellimhom f'dawn it-tliet snin u nofs.

L-attrici tispjega kif qatt ma sabet appogg u sapport minghand zewgha u ddeskriviet episodju fejn splodiet il-magna tal-hasil u zewgha rrifjuta li jigi d-dar jghinnha u kellha taghmel ix-xirjiet u qadi iehor dejjem wahedha. Tghid ukoll li matul iz-zwieg u anke qabel izzewgu, T qatt ma kien ifittixha kif ghandhom jaghmlu koppja li jinhabbu. Lilha hu kien iqisha bhala omm u carer u daqshekk. Ma kien jaghmel xejn biex l-attrici thossha l-mara tieghu. Ghalkemm kienet taf li T qatt ma kien romantiku xorta wahda xtaqet u sahansitra kienet tghidlu biex juriha l-imhabba tieghu. Anke fl-att ta' imhabba tghid li zewgha kien egoist maghha u kien jara li jinqeda hu u daqshekk u kif kien ilesti kien imur fil-kcina ipejjep sigarett. Skond l-attrici kienet tmur warajh tipprova tkellmu fuq dak li kien ghadu kemm gara u tispjegalu li anke hi kellha l-bzonnijiet taghha, izda ma kienx jaghti kasha.

Wara tant snin ta' zwieg l-attrici bdiet thoss li zewgha ma kienx qed ifittixha u bdiet tispjegalu li hemm bzonn li jaghmlu *session* ta' terapija biex isahhu u jissalvaw iz-zwieg. Kien wasal anke zmien fejn lanqas biss kienet tkun tixtieq taghmel l-att tal-imhabba mieghu, ghax kienet qed thossha li qed tigi uzata. Xtaqitu hafna li jinbidel ghaliex skond l-attrici, dak kien zewgha u kienet thobbu izda huwa baqa' ma ried jaghmel xejn. Tghid li t-tfal qatt ma rawhom jinhabbu jew jiccajtaw flimkien u dejjem kienu jispiccaw jiggieldu fuq haga jew ohra u t-tfal sfortunatament kienu jkunu xhieda ta' dan kollu.

Hafna mill-glied li kien ikollhom kienu jkunu dwar il-flus ghax skond il-konvenut, martu kienet qed tonfoqlu l-paga fix-xejn u li ma kienetx bil-ghaqal. Il-koppja kellhom *loans, insurance* barra spejjez ohra tal-htigijiet tal-familja u minhabba f'hekk qatt ma kienu jaghmlu kapricc.

L-attrici tkompli tghid li minhabba d-dwejjaq li kien ikollha u l-fatt li hasset li ma kienet tfisser xejn ghal zewgha kif ukoll minhabba l-mod ta' kif kien igib ruhu maghha, spiccat tohrog tahdem *part time* filghaxija go Restaurant izda wara xi tmien xhur li bdiet tahdem, kellha relazzjoni qasira barra iz-zwieg ma’ haddiehor. L-attrici tghid li ghal dak li ghamlet ghadha iddispjacuta hafna sal gurnata tal-lum, taf li kien zball imma tattribwixxi t-tort lill-fatt li kienet hafna nieqsa mill-imhabba u l-attenzjoni ta' zewgha u kienet qed tigi trattata hazin.

Skond l-attrici, meta T kien sar jaf b’din ir-relazzjoni u li minnha l-attrici harget anke tqila bit-tielet tarbija, T beda jsir aggressiv fil-konfront taghha. Kemm-il darba kien ihabbatha mal-bank tal-kcina, li kienet tispicca titbengel (ara Dok JM4).

Dak iz-zmien il-konvenut kien nizel jghix ghand ommu u rranga l-problemi li kellu ma’ familtu. Wara xahrejn tat-tielet tqala taghha, l-attrici fethet 1-ewwel medjazzjoni ghal proceduri ta' separazzjoni ghax kien hemm hafna abbuz fuqha mentalment u fizikament. Meta kellha erba’ xhur tqala, kienet giet omm T tisfidaha biex tinzel ghall-glied u kienet cemplet l-Ghassa tal-Pulizija ghall-ghajnuna taghhom. Tghid li dak iz-zmien, flus ma kienx itiha ghat-tfal u ghalhekk spiccat tghinha ommha. Il-konvenut beda jittraskura lit-tfal tieghu stess tant li kien jigi jarahom xi kultant id-dar izda ma riedx johroghom.

Il-koppja damet sena separata u f’dak il-perjodu kien hemm hafna kliem ta’ abbuz mill-familja tal-konvenut, li kienu anke sahansitra jigu taht id-dar u jghajru lill-attrici kemm jifilhu. Lil T l-attrici kienet titolbu jahfrilha u biex jergghu jibdew hajja gdida pero` T kien jghidilha "*hawn gew dik it-tarbija ma tidholx u ma tithallatx mat-tfal u ara kif ha tehles minnha ghax ma rridix fuq ismi*". Ghalkemm l-attrici tghid li kienet temmen li ma’ T l-affarijiet kienu ser jittrangaw, ommu kienet theddu li ser taqtghu mill-wirt jekk jirranga maghha.

L-attrici tghid li kellha thallas ghall-precett tat-tifla l-kbira kollu wahedha ghax flus il-konvenut ma kienx itiha u kien ukoll heba l-karozza li kienu xtraw waqt iz-zwieg biex ma tuzahiex. Kien jghidilha biex taghti t-tarbija lil haddiehor u tehles minnha u minkejja l-inkwiet li kellha, xorta rnexxielha ssib familja addottiva fi zmien sitt gimghat mit-twelid ghalkemm kellha l-precett tat-tifla l-kbira. L-attrici tishaq li ma xtaqitx taghti lil bintha ghall-adozzjoni izda T kien wieghdha li l-affarijiet jitrangaw jekk taghmel dak li jghidilha. Meta t-tfal kienu jistaqsuha ghall-baby, ma setghetx taghtihom risposta u ma qaltilhomx li missierhom ma ridihiex id-dar.

Wara li t-tifla giet adottata, l-attrici tghid li l-konvenut gie lura d-dar imma beda jorqod go kamra ghalih u damu sejrin hekk ghal tliet snin u nofs. Kien jixtri u jhallas 1-affarijiet tieghu u lill-attrici kien itiha s-somma ta’ €120 fix-xahar li ma

kinux bizzejjed. Ghalkemm kienet tipprova tkellmu biex jirrangaw id-differenzi bejniethom u ghalkemm skuzat ruhha talli ghamlet, l-attrici tghid li T kien jinjoraha u jitlaq ‘il barra. Kien jghidilha biex tkellmu mill-inqas ghax ma kellux x'jaqsam maghha izjed. Wara li gieghlha taghti t-tarbija ghall-adozzjoni ghax kien jheddidha ser jitlaqha, tghid li xorta wahda ma riedx jaf biha. Minhabba f'hekk, l-attrici tghid li kien hemm hafna glied u kien jerfa’ idejh fuqha kif ukoll jaqbadha minn ghonqha u jigri biha tul il-kurutur tad-dar kollu quddiem it-tfal. Kien jghidilha li haqqha hekk u ha jkompli jittrattaha b’dak il-mod. L-attrici tghid li kienet imkissra fizikament u mentalment u kienet qed tghix go infern.

Fis-7 ta' Jannar 2014 bdiet tahdem *part time carer* halli tista’ tkun mat-tfal wara l-iskola peress li T ma kienx qed jghaddilha bizzejjed flus biex tmantni lit-tfal. F’April 2014 meta dahlet taghmel operazzjoni f’saqajha, ma sabet ebda ghajnuna minghand il-konvenut tant li ftit wara hargitilha infezzjoni u kif skopriet din l-infezzjoni u bdiet titkaxkar ma’ l-art, il-konvenut qalilha, "*ara f'hiex gabitek dik it-tarbija. Haqqek u hu go fik!*", u taha daqqa ta' sieq f'saqajha stess. Minn hemm l-attrici ddecidiet li tibda l-proceduri tas-separazzjoni. F'Mejju 2014 kienet l-ahhar darba li l-koppja hargu flimkien ghax kien gheluq snin it-tifla L. Lill-attrici kien tefaghha fuq wara tal-karozza ghax kien jghidilha li ma jridx zibel hdejh u pogga lill-minuri W tpoggi fuq quddiem tal-karozza. Ma baqa’ jkun hem ebda komunikazzjoni bejniethom u l-konvenut ma riedx jibqa’ jidher fil-kumpanija taghha.

F’Novembru 2014 il-koppja nfirdet u l-konvenut rega’ mar joqghod ghand ommu. Skond l-attrici, zewgha kien jheddidha li go d-dar taghhom kuntenta ma jhallihiex. L-argumenti ma’ familtu kienu regghu bdew u gravaw, sa tghajjir taht il-gallarija u t-tfal meta raw dan l-agir ma kienux iridu jmorru ghandhom. Sahansitra W kienet darba ghajret lil zijitha li hi kienet il-qahba u mhux ommha u hallina bi kwietna. Ma’ missierha dik il-habta ma riedetx tmur minhabba li meta kien ikollhom l-argumenti kien anke jerfa’ idejh fuqha sew ghax kienet tigi taqbez ghalija.

L-attrici tghid li oht T quddiem it-tfal kienet toqghod gharwiena u sahansitra tixrob xorb alkoholiku u mhux darba jew tnejn meta kienet tohodhom maghha fuq *il-boat* kienu jcemplulha t-tfal bil-mohbi taghha u jghiduli li z-zija fis-sakra rieqda u t-tfal kienu jkunu wahedhom. Il-konvenut kien jinnega. Il-glied mal-konvneut zdied u l-attrici tghid li kienet taqla’ hafna tghajjir salvagg u goff quddiem it-tfal.

Fis-Sajf tas-sena 2014 it-tfal kienu jinzlu ghand omm T tliet darbiet fil-gimgha sakemm l-attrici kienet tkun ix-xoghol u maz-zmien indunat li t-tifla l-kbira kienet inbidlet kompletament. Riedet tiehu t-tifla l-kbira W ghand psikologika u hu ma riedx jghin. It-tifla kienet spiccat issawwat lil ohtha z-zghira u darba minnhom qabdet furketta u kwazi laqtet ghajnejn ohtha. Omm il-konvenut kienet takkuzaha

u tghajjarha quddiem l-ulied tant li dabra minnhom kif semghu dan kollu t-tfal qabdu u harbu mid-dar ta' omm il-konvenut u marru ghand omm l-attrici li toqghod fl-istess blokk.

Fl-ewwel ta' Jannar 2014 il-konvenut ha lit-tifla l-kbira ghal xi jiem ghand ommu u meta giet lura ghand ommha bdiet tibki u tghid li ommha tohrog biex tmur torqod mal-man, u ma ridetx taf b'ommha iktar. It-tifla qaltilha wkoll li taf li kellha tarbija minghand ragel iehor.

Fi Frar 2015 l-attrici spiccat iccedi lil W lill-konvenut ghaliex tant kienet giet *brain-washed* kontriha minn familtu li ma setghetx taghmel mod iehor. Hasset hafna n-nuqqas tat-tifla l-kbira u kemm damet tghix mal-familja ta' zewgha, ma kellha ebda kuntatt mat-tifla.

L-attrici spjegat illi fl-affarijiet tal-iskola l-konvenut qatt ma kien jinvolvi ruhu izda meta rceviet *Student's Data Form* minghand l-iskola rat illi minghajr l-awtorizzazzjoni taghha, il-konvenut u ohtu kienu nizzlu d-dettalji taghhom bhala *Contact details.*

L-attrici tiddeskrivi kif darba fost l-ohrajn W kienet giet id-dar biex tigbor beritta taghha. Qaghdu jitkellmu bil-kalma u l-attrici tghidilha li thobbha izda meta talbitha tnehhi l-gakketta hoxna li kellha fuqha t-tifla rrifjutat. L-attrici indunat li kien hemm xi haga hazina u kif nehhitilha l-gakketta sabet *mobile phone* fil-bwiet bil-konvenut jisma' fuq il-linja dak li kien qed jintqal bejn l-attrici u bintha. Skond l-attrici, it-tifla qaltilha li kien missierha li qabbadha taghmel hekk u telqet tigri bil-panic.

L-attrici spjegat ukoll li f'April 2015 il-konvenut kien ippropona li huma jiltaqghu biex jirrangaw xi affarijiet u l-konvenut hareg b'suggeriment li biex il-koppja jirrangaw l-ewwel ma jridu jaghmlu jemigraw bit-tfal barra mill-pajjiz biex familtu ma' tkunx ta' xkiel. Skond l-attrici id-diskors il-konvenut kien qalulha iktar minn darba.

Spjegat ukoll li l-konvenut lanqas ried jitla' ma' l-attrici fil-knisja ghall-precett tat-tifla z-zghira L, u minfloku tela' hu l-attrici. Skond l-attrici il-konvenut baqa' fuq wara tal-knisja mat-tifla l-kbira u lanqas kellem liz-zghira, li haditha bi kbira hafna.

L-attrici ssemmi wkoll illi recentement, qabel hareg id-digriet tal-Qorti li ma jidholx fid-dar matrimonjali, il-konvenut kien jidhol id-dar f'nofs ta' lejl u jahsadha, waqt li tkun xoghol jidhol fid-dar u jaqla' l-purtieri, jeqleb il-kxaxen, inizzel *it-tyres* tal-karozza, kisser il-letter box u jsegwiha l-hin kollu. Tghid

ukoll li kif jaraha, johrogilha subghajh tan-nofs gieli anke quddiem it-tifla W. Skond l-attrici, kienet tmur tkellem wahedha psikologista li kien jghidilha li mhux min-naha taghha gejjin il-problemi izda minn zewgha li baqa' jrrifjuta l-ghajnuna li offrewlu. Tghid ukoll li lit-tfal semeghthom jitkellmu dwar il-grajja tat-tarbija li nghatat ghall-adozzjoni minkejja li hi qatt ma qaltilhom xejn dwar x'kien gara, u skond hi din l-informazzjoni tawhielhom il-familja tal-konvenut.

L-attrici tghid ukoll illi hija bdiet relazzjoni ma' ragel iehor wara d-decizjoni li hadet biex tibda l-proceduri tas-separazzjoni. Meta sar jaf, il-konvenut beda jpattihielha u juza lit-tifla biex tghidilha *"Mummy, itlaq lil Man u jien nerga' nigi lura d-dar"*. Skond l-attrici, dan l-atteggament ta' W fil-konfront taghha huwa simili hafna tal-membri tal-familja ta' T u mhux ta' tifla ta' ghaxar snin, u certament mhux bhal-atteggjament tat-tifla z-zghira L li tghix ma' l-attrici. Tispjega wkoll li W qatt ma kienet tkun fil-kumpannija ta' missierha fil-perijodu meta kienet marret tghix mieghu, izda dejjem ma' ommu (mara ta' 70 sena) jew ohtu jew fil-hanut ta' ohtu.

Finalment tispjega illi dak iz-zmien meta W kienet qed tghix ma' missierha u kienet iccemplilha, kienet tisma' mill-isfond tat-telefonata, fil-presenza tat-tifla, lil ommu tghid lil W, *"Ara cemplet dil-Qahba ommok"*, jew tisma' lill-konvenut jghid *"Ara cemplet din il-Qahba ommok, li tmur tinhexa mal-man fil-lukandi"*. Access ghat-tifla f'dan iz-zmien l-attrici ma kellix ghaliex il-konvenut ma kienx ihalliha.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut ukoll xehed permezz ta' Affidavit ipprezentat fit-12 ta' Lulju 2016, fejn qal illi l-partijiet kienu ilhom madwar ghaxar (10) snin johorgu flimkien qabel ma zzewgu u ma jiftakarx li dak iz-zmien kien hemm problemi partikolari bejn il-koppja u kien ghalhekk illi xtaq li huma jizzewgu. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u kollox kien miexi sew sa madwar is-sena 2011. Skond il-konvenut, i1-problemi bdew meta l-attrici xtaqet tohrog tahdem ghaliex kienet iddejqet gewwa id-dar u ghalkemm ma kienx jaqbel, sabilha xoghol ma' habib tieghu illi kellu restaurant, u l-attrici bdiet tahdem *part time* bhala waitress.

Kienet tibda tahdem fis-sitta ta' filghaxija u tidhol fis-siegha ta' filghodu, izda jghid li wara ftit xhur l-attrici bdiet ittawwal il-hin biex tmur lura d-dar, daqqa tghidlu li ser tibqa' tiehu drink mal-kollegi taghha u daqqa tghidlu li hierga maghhom. Skond il-konvenut, f'dan il-perjodu l-attrici kienet tispiccca tidhol id-dar xi 1-4:30 a.m jew il-5:00 a.m. fil-weekends (il-Gimgha u s-Sibt). Il-konvenut hass li l-attrici kienet qed tigdiblu u darba minnhom mar ir-restaurant meta l-attrici kienet qaltlu li qieghda xoghol, u sabu maghluq. Meta l-konvenut

ikkonfrontaha hija nnegat u gabet skuza izda bdiet issemmi lil certu Simon li kien jahdem maghha u bdiet tqatta' hafna hin mieghu.

Il-konvenut baqa' jafda lill-attrici sakemm darba minnhom jircievi telefonata minghand is-siehba ta' Simon li informatu li R u Simon kellhom relazzjoni bejniethom. Dak il-hin l-attrici bdiet tinnega kollox izda l-konvenut mar fir-residenza ta' Simon u s-siehba tieghu u quddiemu stess, Simon ammetta li kellu relazzjoni ma' l-attrici. Ftit wara giet l-attrici li baqghet tinnega kollox u spiccat fi glieda kbira mas-siehba ta' Simon filwaqt li l-konvenut jispjega li iktar tard dakinhar il-partijiet kellhom glieda kbira bejniethom fejn l-attrici harget b'sikkina ghalih. Fl-ahhar hija kienet ammetiet illi fil-fatt kien minnu illi kienet qieghda tohrog ma' Simon.

Il-konvenut jispjega wkoll illi gimgha qabel sar jaf bir-relazzjoni estra-matrimonjali li l-attrici kellha ma' Simon, kienet qaltlu li qed tistenna tarbija, xi haga li ma kienux qed jippjanawha ghaliex kienu qeghdin joqghodu attenti biex ma jkollhomx iktar tfal. Skond il-konvenut, hekk kif ikkonferma li kien hemm din ir-relazzjoni bejn l-attrici u Simon, mill-ewwel issuspetta illi t-tarbija ma kinitx tieghu.

Meta kkonfronta lill-attrici dwar dan hija qaltlu li certa illi t-tarbija mhux ta' Simon. Madanakollu, il-konvenut ma emminx u beda proceduri ghal separazzjoni mill-ewwel, izda wara diversi seduti ta' medjazzjoni (illi sehhew meta R kienet ghadha tqila) hi kienet ikkonvincietu illi mhux ser terga' taghmel l-istess zbalji u sahansitra pproponiet li jekk jirrizulta li t-tarbija mhux tal-konvenut, kienet ser taghtiha ghall-addozzjoni biex ikunu jistghu ikomplu l-hajja tal-familja taghhom bhal qabel. Il-konvenut jghid li martu kkonvincietu u kienu waqfu l-process ta' separazzjoni. Dan sar wara illi R kienet litteralment tibkilu u tghidlu biex jahfrilha biex t-tfal taghna jittrabbew f'familja maghquda.

Wara li twieldet it-tarbija, irrizulta minn test tad-DNA illi fil-fatt it-tarbija ma kienetx tal-konvenut u ghalhekk l-attrici tat it-tarbija ghall-adozzjoni filwaqt li qalet lill-ulied il-partijiet li ohthom fil-fatt kienet mietet. Il-konvenut jispjega illi minkejja li ghamel sforz kbir biex jipprova jsalva z- zwieg, il-problemi ta' bejn il-koppja baqghu hemm.

Skond il-konvenut, kull meta l-attrici tarah, tara kif ha taqla' l-glied, daqqa tghid li ma tridx issajjarlu, daqqa tghidlu li ma tridx tahsillu -hwejjeg u sahansitra gieli ramithom ghal isfel u kwazi mill-ewwel bdew jorqdu separatament. Il-konvenut jispjega li qatt ma rrikonciljaw fil-verita` u eventwalment, l-attrici bdiet twahhal fih li nehhiet it-tifla, diskors li kien isir quddiem it-tfal taghhom li bdew jistaqsu hafna domandi ghaliex ma setghux jifhmu kif l-ewwel ommhom qaltilhom li t-

tarbija giet nieqsa u imbaghad bdiet tghidilhom lit-tifla qieghda ghand familja ohra u li hi ma setghetx tkun maghhom minhabba missierhom.

Il-konvenut jispjega li dan kollu wassal biex il-glied beda jizdied u l-attrici bdiet tohrog u ddum sas-sighat bikrin ta' filghodu. Ftit wara regghet bdiet tohrog ma' ragel iehor, certu Adrian, li sahansitra gieli iltaqghet mieghu waqt li kellha t-tfal maghha u anke kellha aktar minn darba glied mal-mara ta' Adrian. Jghid li darba minnhom Adrian kien gie jistenna lil R wara 1-bieb tad-dar, izda t-tifla l-kbira gharfet il-karozza tieghu u qaltlu li dik kienet il-karozza tal-"habib tal-mummy". Il-konvenut jghid illi malli sema’ hekk, cempel lill-attrici u qalilha li kien ser jitlaq mid-dar ghaliex ma riedtx illi t-tfal jibqghu jaraw dan il-glied. Fil-fatt ftit wara ha dan il-pass l-attrici bdiet il-proceduri ta' separazzjoni. Jghid li waqt il-medjazzjoni, l-attrici talbitu jergghu jirrikonciljaw u ghalkemm hija ammettiet li kellha relazzjoni ma' haddiehor, qalet li jekk jaghtiha cans iehor hija kienet lesta li titilqu. Il-konvenut hass li ma setax jiehu kliem l-attrici bis-serjeta' ghaliex din ma kinitx 1-ewwel darba li kellha relazzjoni ma' haddehor, u li kieku veru riedet tirrikoncilja mieghu, kienet titlaq lil Adrian qabel.

Skond il-konvenut, huma spiccaw f'din il-kawza ghaliex huwa ma setax jafda lil martu iktar wara dak kollu illi kienet ghamlitlu u wara il-gideb taghha kollu. Jispjega li l-attrici hija tip ta' karattru illi dejjem iddawwar il-fatti kif jaqblilha u lesta li twahhal f'haddiehor biex tahbi dnubietha, inkluz li twahhal fih meta kienet hi stess li ddecidiet illi taghti t-tarbija ghall-addozzjoni. Il-konvenut jghid li huwa qatt ma kellu wicc haddiehor u li z-zwieg sfaxxa minhabba 1-adulterju kontinwu ta’ l-attrici.

*Provi Ohra*

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tad-depozizzjoniet ta’ l-attrici kif ukoll tal-konvenut waqt l-udjenza tat-12 ta’ Jannar 2016, fejn xehdu dwar ic-cirkostanzi li wasslu biex il-minuri W marret toqghod ma’ missierha l-konvenut, dwar l-atteggjament tal-minuri f’dak il-perjodu, kif ukoll dwar x’wassal sabiex l-istess minuri regghet marret tghix ghand ommha u aspetti ohrajn dwar l-access u kura u kustodja tal-minuri.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta’ l-istess kontendenti li regghu xehdu quddiemha fl-udjenza tat-8 ta’ Marzu 2016 kif ukoll ix-xhieda ta’ PS Brian Xuereb, Carlos Curmi, Mary Curmi, Stephanie Sultana, Marvic X, Veronica X, Andrena Gellel, kif ukoll rat it-testimonjanza tax-xhieda li xehdu quddiem l-Assistent Gudizzjarju, filwaqt li qieset b’mod partikolari r-rapport u x-xhieda ta’ l-espert psikologa Carmen Sammut li fil-presenza taghha, il-Qorti semghet lill-minuri *in camera*.

**<u>Htija ghat-tifrik taz-Zwieg</u>**

Permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi, filwaqt l-konvenut jitlob, fil-kontro-talba minnu intavolata, li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kienet tahti unikament l-attrici minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, ingurji gravi u wkoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru.

Dwar eccessi u sevizzi, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Caterina Agius vs Benedict Agius*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li *Il-ligi taghna tqieghed bhala mottiv li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri".*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, ntqal li *"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Fir-rigward ta' l-addebitu ta' ingurji gravi u sevizzi, issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza ***Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi *"Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi. Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet ***Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti***, il-Qorti tal-Appell qalet li *"... mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk <u>in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli</u>. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Finalment, fir-rigward ta' l-addebitu ta' adulterju intqal "*Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) <u>l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali</u>; iżda,*

*stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l- adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[1] [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Fl-isfond tal-provi kollha migjuba f'din il-kawza, il-Qorti tqis illi ma hemm ebda dubju illi ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti tahti b'mod preponderanti l-attrici. Jirrizulta b'mod inkontradett oltre li ammess ukoll mill-attrici, illi hija kkommettiet adulterju waqt iz-zwieg taghha mal-konvenut tant illi twieldet tarbija frott ta' din ir-relazzjoni extra-matrimonjali. L-attrici tipprova tiggustifika dan l-adulterju billi twahhal fil-konvenut illi ma kienx jaghti kasha bizzejjed u ma kienx iqis b'daqshekk importanza l-htigijiet emozzjonali jew intimi taghha. Filwaqt illi l-Qorti ma teskludix li r-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet setghet ma kienetx ideali, ma rriskontrat ebda gustifikazzjoni ghal dan l-agir ta' l-attrici li, fil-konfront ta' zewgha huwa offiza ta' l-iktar gravita`, u tqis li l-adulterju qatt ma huwa gustifikabbli taht ebda cirkostanza, una volta ghadhom fis-sehh il-vinkoli matrimonjali. Certament il-fatt li l-attur kien jahdem hafna u ma kienx prezenti bizzejjed biex jaghti assistenza lill-attrici fil-qadi u fit-trobbja ta' l-ulied, u l-fatt li l-attrici ddejqet dejjem id-dar, huwa irrelevanti ghall-finijiet tal-htija o meno ghas-separazzjoni.

Jirrizulta li wara li l-konvenut sar jaf bl-adulterju ta' martu u ghalhekk bil-possibbilita` li t-tarbija ma kienetx tieghu, huwa telaq mid-dar matrimonjali u beda proceduri ghal separazzjoni personali, izda wara li ra li l-attrici ddipsjaciha hafna u riedet il-familja maghquda, u kkonvincietu illi mhux ser terga' taghmel l-istess zbalji, il-partijiet waslu f'arrangement jekk jirrizulta li t-tarbija mhux tal-konvenut, din tinghata ghall-adozzjoni. Infatti, il-konvenut waqqaf il-process tal-medjazzzjoni, il-partijiet irrikonciljaw u kif sar maghruf li t-tarbija mhux tal-konvenut, din inghatat ghall-adozzjoni.

Sa dan l-istadju, il-Qorti ma tistax tidentifika fl-agir tal-konvenut xi htija li tista' jitqies li wassal ghat-tkissir taz-zwieg. Anzi, ma jistax ma jigix rikonoxxut li minkejja t-tradiment ta' martu, il-konvenut ghamel sforz biex isalva liz-zwieg, izomm lill-familja tieghu maghquda u jhares 'il quddiem billi joffri soluzzjonijiet biex jirranga s-sitwazzjoni.

Fl-istess hin, il-Qorti taghraf ukoll illi l-konvenut qatt ma heba l-fatt li huwa ma riedx it-tarbija tithallat mat-tfal tieghu jekk jirrizulta li mhux tieghu. Kienu x'kienu ic-cirkostanzi li wasslu lill-attrici taghti t-tarbija taghha ghall-adozzjoni,

[1] Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 27 ta' Novembru 2003.

din id-decizjoni jidher li qajjmet hafna rizentiment, frustrazzjoni u rabja fl-attrici li gew indirizzati fil-konfront ta' zewgha. Infatti minkejja l-isforz kbir li ghamlu z-zewg partijiet – l-attrici billi taghti t-tarbija ghall-adozzjoni u l-konvenut billi jaccetta li jerga' jafda lil martu nonostante l-adulterju taghha sabiex jipprova jsalva z-zwieg - il-problemi ta' bejn il-koppja baqghu hemm. Infatti, din ir-rikonciljazzjoni jidher li ftit kellha hajja jew sostanza. Fit-tliet snin li l-koppja damu jghixu flimkien wara li l-konvenut rega' mar lura jghix ma' l-attrici, jirrizulta illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet wahda batuta ghall-ahhar, tant illi l-attrici tiddeskrivi diversi episodji ta' tghajjir u anke episodju ta' vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront taghha[2]. Il-Qorti madanakollu, ma ssibx illi dan l-episodju jinkwadra fl-eccessi li l-Ligi tikkontempla fl-Artikolu 40 tal-Kap. 16.

Da parti ta' l-attrici, il-frustrazzjonijiet taghha immanifestaw ruhhom fl-agir li jiddeskrivi l-konvenut fl-Affidavit tieghu, fejn jghid li martu kienet isib kull skuza ghall-glied. L-episodji ta' tghajjir u l-glied kultant fiziku li l-attrici taddebita lill-konvenut fl-Affidavit taghha u fl-inkontri li kellha ma' Marisa Russo, juru l-isfidi kbar li kellhom din il-koppja biex teghleb l-effetti ta' l-adulterju ta' l-attrici, liema adulterju gie aggravat ulterjorment bit-twelid ta' tarbija li ma kienetx tal-konvenut.

Jirrizulta wkoll illi f'dan il-perijodu meta l-partijiet kienu ghadhom qed jghixu flimkien wara r-rikonciljazzjoni, l-attrici regghet intrattjeniet relazzjoni extra-maritali u adultera ohra u hawnhekk li jidher li z-zwieg ikkrolla ghal kollox. B'din it-tieni relazzjoni adultera li evidentement dahlet fiha l-attrici wara l-isforzi li ghamel il-konvenut biex jipprova jsalva liz-zwieg, tkissret darba ghal dejjem il-fiducja li l-konvenut kellu fiha u kissret ghalhekk ukoll b'mod irrimedjabbli ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet. Tant hu hekk illi l-konvenut, kif sar jaf b'dan l-adulterju ripetut ta' martu, telaq mid-dar matrimonjali u rega' mar jghix ma' ommu. Din it-tieni relazzjoni adultera, filwaqt li mhux negata mill-attrici, tirrizulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut kif ukoll mir-rapport li ghamlet l-attrici nnifisha fis-7 ta' Novembru 2014[3] u mix-xhieda ta' Marisa Russo[4]. Dak iz-zmien, il-partjiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 42 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li ghalkemm l-azzjoni ghall-firda tispicca meta tkun sehhet rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, <u>il-parti li titlob il-firda tista', jekk wara</u>

[2] Il-provi dwar dawn l-incidenti jinsabu fl-Affidavit ta' l-attrici kif ukoll ix-xhieda viva voce taghha quddiem il-Qorti, ix-xhieda ta' Marisa Russo kif ukoll fid-diversi rapporti li ghamlet l-istess attrici lill-Pulizija rigward theddid u insulti fil-konfront taghha minghand il-konvenut u l-familja tieghu.
[3] Dok. G a fol. 11
[4] Din ir-relazzjoni adultera tirrizulta ammessa wkoll min-noti ta' Marisa Russo (Dok. MR1) a fol. 373.

tinholoq raguni gdida ghas-separazzjoni, tressaq ukoll ir-ragunijiet ta' qabel biex issahhah it-talba taghha.

Fir-rigward tal-konvenut, il-Qorti tqis illi huwa wkoll ghandu tort, ghalkemm b'mod sussidjarju, ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet. Fil-fehma taghha, il-konvenut rrenda ruhu hati ta' agir sevizzjevoli, theddid u ingurji gravi fil-konfront ta' martu[5], liema agir sfortunatament kien isehh anke fil-prezenza tal-minuri. Fl-istess hin pero` taghraf ukoll li dan l-agir kien frott tat-tradiment li hass il-konvenut minhabba l-adulterju doppju ta' martu u d-diffikoltajiet emozzjonali li necessarjament ghadda minnhom biex jaccetta dan it-tradiment kif ukoll l-umiljazzjoni li martu kellha tarbija minghand ragel iehor. Minkejja dan pero`, jirrizulta li l-ingurji li kellha tissapporti l-attrici hadu dimensjoni ohra u gew rezi iktar gravi bl-involviment tal-familja tar-ragel fit-tghajjir u trattament xejn dinjituz tal-qraba tal-konvenut, anke quddiem ulied il-partijiet. Il-familjari tar-ragel, ghalkemm wiehed jifhem li riedu jaghtu appogg lill-konvenut u jiefqu mieghu f'dan it-tradiment doppju li soffra bl-adulterju ta' martu, mhux talli ma ghenux is-sitwazzjoni, talli komplew ikissru ir-relazzjoni bejn il-partijiet. Bla dubju, l-atteggjament ikrah ta' oht u omm il-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, kien strumentali fit-trawwim ta' hafna rabja, firda u mibgheda bejn il-koppja u finalment issarraf ukoll fi hsara emozzjonali u psikologika f'ulied minuri tal-partijiet li, inevitabbilment, kienu l-vittmi li soffrew bl-iktar mod indinjituz f'din it-tragedja.

Ghalkemm jirrizultaw l-addebiti ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 40 tal-Kap. 16, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li kienu iz-zewg relazzjonijiet adulteri ta' l-attrici li wasslu sabiex sfaxxa z-zwieg bejn il-partijiet, bit-tieni relazzjoni tissigilla t-tkisser irrimedjabbli taz-zwieg. Ghalhekk l-attrici hija hatja ta' adulterju a tenur ta' l-Artikolu 38 tal-Kap. 16, kif ukoll ta' sevizzi fil-konfront tal-konvenut a tenur ta' l-Artikolu 40. Infatti, dejjem gie ritenut illi "*Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtorizża s-separazzjoni personali.*" (**Vol XXXVII-parti ii, pagna 693**).[6]

Huwa manifest illi l-konvenut ma qatax qalbu jipprova jfittex soluzzjonijiet biex jirranga s-sitwazzjoni taz-zwieg tieghu u jirrizulta li huwa kien anke ssuggerixxa fil-mori ta' din il-kawza (kif del resto stqarret l-attrici nnifisha), meta l-attrici kienet diga` involuta fit-tieni relazzjoni adultera, illi jmorru jghixu l-Kanada fejn kellu xi familjari, biex ikunu 'l boghod mill-familja tieghu. Din l-istqarrija tissostanzja l-verzjoni ta' l-attrici illi kien hemm sfidi kbar fir-relazzjonijiet mal-

[5] Tghajjir ripetut bi kliem u mossi oxxeni u degradanti, u zewg episodji cari ta' vjolenza meta l-konvenut kaxkarha minn ghonqha tul il-kuritur u d-daqqa f'sieqha wara li harget minn operazzjoni u kellha infezzjoni f'sieqha.

[6] Citata ***f'Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil***, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Dicembru 2015.

familja tal-konvenut: kemm fir-relazzjonijiet bejn l-attrici u omm u oht il-konvenut, kif ukoll fir-relazzjonijiet bejn il-konvenut u ohtu. Tant hu hekk li l-konvenut, x'aktarx biex inaqqas il-problemi li inevitabbilment holqot din ir-relazzjoni qarsa bejn l-attrici u familtu, kien diga` ghamel cirka tliet snin iktar kmieni fiz-zwieg ma' l-attrici, ma jkellimx lil ommu u lil ohtu. Dan stqarru l-konvenut innifsu u jirrizulta wkoll minn ittra legali mibghuta ghan-nom taz-zewg konjugi lil Marvic X, oht il-konvenut[7] u minn proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront ta' oht il-konvenut fuq kwerela tal-partijiet[8].

Barra minn hekk, il-konvenut xehed b'mod inkontradett illi fil-proceduri ta' medjazzjoni li wasslu ghal din il-kawza, l-attrici pproponiet li jekk il-konvenut ikun lest li jaghtiha cans iehor, hi tkun lesta ttemm ir-relazzjoni li ghandha mas-sieheb taghha Adrian, izda skond il-konvenut hass li kieku kienet verament serja fil-proposta taghha, l-attrici kienet tittermina r-relazzjoni taghha l-ewwel u qabel kollox. Dan juri illi evidentement l-ingurji u minacci li l-attrici ddeskriviet li rceviet mill-konvenut ma setghux kienu l-kagun li kissru b'mod irrimedjabbli r-relazzjoni matrimonjali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis illi ghat-tkissir taz-zwieg hija hatja primarjament l-attrici minhabba adulterju u sevizzi, filwaqt illi l-konvenut ukoll irrenda ruhu hati, izda b'mod sekondarju, ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi. Finalment, ghall-finijiet tal-hames eccezzjoni tal-konvenut, id-data li minnha l-attrici qed tigi kkunsidrata hatja tal-firda qed tigi stabbilita bhala l-15 ta' Novembru 2014, ossia d-data meta l-konvenut telaq definittament mid-dar matrimonjali wara li sar jaf li l-attrici kellha relazzjoni ohra extra-matrimonjali.

**Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati mill-Artikolu 48**

Fic-cirkostanzi ta' adulterju manifest u ripetut da parti ta' l-attrici, u b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48, il-Qorti sejra tapplika s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48(1) fil-konfront ta' l-istess attrici u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(1)(c) qed jigi deciz li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha ghall-akkwisti li jkunu saru iktar bil-hidma tal-konvenut, mill-15 ta' Novembru 2014. Ghas-sevizzi, theddid u ingurji gravi li huwa hati taghhom il-konvenut fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti thoss li, ai termini ta' l-Artikolu 51, ghandha tapplika fil-konfront tal-konvenut, biss is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1)(a).

[7] Ittra Dok. JM1 datata 3 ta' Gunju 2009 a fol. 131.
[8] Dok. JM2 u JM3 a fol 132.

**Manteniment ta' l-Attrici**

L-attrici permezz tat-tieni talba taghha, talbet il-hlas ta' manteniment ghaliha minghand il-konvenut. Billi bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1) minhabba l-adulterju taghha, l-attrici ddekadiet mill-jedd taghha li ggieghel lill-konvenut jaghtiha manteniment ghaliha, din it-talba taghha hija respinta u ghalhekk ma hemm ebda manteniment x'jithallas mill-konvenut ghall-attrici nnifisha.

**Kura u Kustodja u Access ghall-Minuri**

L-**Artikolu 56 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "*Hsieb tal-Ulied wara il-Firda*" jipprovdi illi:-

*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.*
*(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.*
*(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*
*(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*
*(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.*

F'dan il-kaz tallum, il-Qorti tqis li l-attrici, indubjament, poggiet l-interessi personali taghha qabel dawk tal-familja, meta ghazlet li tintrattjeni mill-inqas zewg relazzjonijiet adulteri, liema agir taghha wassal ghal kapovolgiment totali fil-hajja familjari fejn il-minuri spiccaw kienu xiehda ta' episodji ta' agir, tghajjir u kliem li qatt ma messhom gew esposti ghalihom. Da parti tieghu, il-konvenut u iktar evidentement, ohtu u ommu, ma ddejqu xejn jghajjru lill-attrici bi kliem baxx u degradanti fuq bazi regolari quddiem il-minuri, senjatament it-tifla kbira W, tant li eventwalment sawru fiha rabja u disprezz evidenti ghal ommha li wasslu lill-istess minuri taghzel bejn il-udituri taghha ghax hasset li ma kienx hemm triq tan-nofs jew kompromessi[9].

Irrizulta minghajr l-icken ombra ta' dubju illi b'rizultat tal-firda akrimonjuza bejn il-kontendenti, sfaw l-aghar vittmi l-ulied minuri tal-partijiet, W u L X. Bl-ikbar

[9] Ara rapport u xhieda ta' l-espert psikologa Carmen Sammut.

sfortuna ghalihom, il-minuri ma soffrewx biss l-effetti tal-firda bejn il-genituri, izda soffrew direttament il-firda bejniethom bhala ahwa, meta l-minuri W hasset li kellha tmur tghix ma' missierha l-konvenut ghand in-nanna paterna, u tichad lil ommha, filwaqt li l-minuri L baqghet tghix ma' ommha l-attrici. Din is-separazzjoni bejn l-ahwa minuri baqghet tissussisti ghal ben hdax-il xahar. Kien biss bl-intervent tal-Qorti u tas-*social workers* involuti, izda zgur mhux tal-genituri, li fil-frattemp il-minuri rnexxilehom jiltaqghu bejniethom darbtejn fil-gimgha f'ambjent trankwill minghajr il-prezenza tal-genituri u minghajr ma jkunu esposti ghall-glied, insulti u tghajjir li kienu imdorrijin jaraw u jisimghu fuq bazi regolari fid-dar taghhom u fid-dar tan-nanniet paterni. Indubjament, is-separazzjoni bejn il-minuri holqot hafna dwejjaq ghalihom u kienet sintomatika tas-sitwazzjoni mweghra li poggewhom fiha l-genituri taghhom stess.

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju wkoll illi l-atteggjament xejn dinjituz tal-konvenut u l-familjari tieghu lejn l-attrici fil-prezenza tat-tfal u t-tghajjir bir-relazzjonijiet adulteri taghha, ikkontribwixxa konsiderevolment ghall-konfuzjoni psikolgika li inevitabbilment hassew it-tfal.

Permezz tad-digriet moghti fl-1 ta' Dicembru 2015, l-attrici finalment kellha access ghal bintha W fil-weekend b'mod alternanti, b'mod illi z-zewgt ulied setghu ghalhekk iqattghu wkoll hin flimkien, ma' ommhom jew ma' missierhom. Kif irrapportat l-espert psikologka Carmen Sammut fir-rapport taghha kif ukoll fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, meta l-minuri W rrejalizzat li xejn ma kien ser igib l-ghaqda li xtaqet bejn il-genituri taghha, kellha tiehu decizjoni. Fil-fatt, kif appena bdiet din is-sistema ta' access, wara hdax-il xahar ghand missierha u minghajr ebda kuntatt ma' ommha, din it-tifla riedet akkost ta' kollox terga' tmur ghand ommha u ma ridietx tkun taf iktar b'missierha.

Sussegwentement, wara r-rikors ta' l-attrici tas-16 ta' Dicembru 2015, il-Qorti ssospendiet b'mod temporanju l-access tal-missier ghall-minuri. Minn dakinhar 'l hawn, il-konvenut ma regax ra lil uliedu u ma ghamel ebda tentattiv, la tramite l-Qorti, u lanqas tramite s-servizzi socjali, sabiex ikollu access ghalihom. Illum iz-zewg minuri ghadhom jghixu flimkien ma' ommhom l-attrici. Fit-23 ta' Novembru 2016 xehed il-konvenut in kontro-ezami fejn qal li kien ilu cirka sena ma jara lil uliedu, cioe` sa minn Dicembru 2015. Ma jidhrix li sal-lum is-sitwazzjoni inbidlet. Il-konvenut jghid li irid jistenna d-decizjoni tal-qorti u jopponi ghas-suggeriment ta' Carmen Sammut biex jara lil uliedu taht supervizjoni. Madanakollu, huwa evidenti li l-konvenut xorta wahda baqa' qatt ma ghamel talba biex jara lil uliedu la b'supervizjoni u lanqas minghajr supervizjoni.

L-esperta psikologa Carmen Sammut kienet cara fir-rapport taghha u iktar cara fit-twegibiet taghha in eskussjoni[10], illi l-uniku mod kif il-konvenut jista' jerga jistabbilixxi kuntatt u jerga' jibni relazzjoni tajba ma' wliedu jkun f'ambjent ta' *family therapy*. Din it-terapija, skond l-espert psikologa, hija fondamentali ghaliex lahqet saret hafna hsara fir-relazzjoni bejn il-minuri u missierhom, u t-tfal indubjament sejrin jiftakru li jekk imorru ghand missierhom, jista' jzommhom hemm ma' familtu ghaliex jidher li l-perspettiva tat-tfal hija li hekk gara. Skond l-esperta psikologa, din it-terapija tghin biex it-tfal ihossuhom iktar *safe* ma' missierhom u iktar konvinti li mhux ser jergghu jinqalghu l-problemi tal-passat. Barra minn hekk, it-trapass konsiderevoli ta' zmien, li llum qed javvicina s-sentejn, minghajr ma jkun hemm ebda forma ta' kuntatt, ikun irreka iktar dannu fir-relazzjoni bejn l-ulied u missierhom u bla dubju, ser jigu riskonstrati diffikoltajiet biex tigi restawrata relazzjoni hienja bejniethom. Iridu jittiehdu mizuri wkoll biex jigi evitat li l-memorja recenti tal-minuri ta' l-involviment u presenza ta' missierhom, tqanqal konfuzjoni u biza' fil-minuri li ser jghaddu mit-trawma li diga` ghaddew minnha.

Jirrizulta wkoll illi llum, il-minuri, hlief ghan-nuqqas assolut tal-prezenza ta' missierhom f'hajjithom, jinsabu f'hajja pjuttost stabbli jghixu flimkien ghand ommhom u certament jinsabu iktar trankwilli milli kienu f'dawn l-ahhar ftit snin. Ma jidhirx li ghad hemm il-problemi li gew riskontrati qabel meta l-minuri kienu separati minn xulxin u meta kien hemm il-kuntatti turbolenti mal-familja tal-konvenut.

In vena legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech*** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016, il-konvenut appella mis-sentenza moghtija in Prim'Istanza li kienet affidat il-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejn l-omm. Il-Qorti ta' l-Appell iccitat b'approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza numru 277/2012 fl-ismijiet ***Scott Schembri vs Dorianne Polidano*** deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita' ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti:-

"*In tema legali issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-gerituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghalhiex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri.*"

[10] Eskussjoni a fol 426 14 ta' Frar 2017.

Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-

*"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda l-obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htiegijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabbilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibli.*"

Ma jidhirx li fic-cirkostanzi jkun prattikabbli li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata liz-zewg genituri konguntivament. Filwaqt li ma tezisti ebda komunikazzjoni jew lok ghal diskussjonijiet maturi u civilizzati bejn il-partijiet, wiehed irid joqghod attent illi bl-affidament konguntiv tal-kura u kustodja tal-minuri, ma jinholqux iktar problemi milli dan kapaci li jsolvi. Il-Qorti tqis illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja ordinarja tal-minuri tigi fdata lill-attrici b'mod esklussiv bi dritt ta' access favur il-konvenut u illi l-minuri jibqghu joqghodu bhala residenza principali taghhom, ma' l-attrici.

Il-Qorti hi tal-fehma illi, nonostante dak kollu li ghaddew minnu z-zewg genituri, u nonostante dak kollu li ghaddew minnu l-minuri, z-zewg genituri jixtiequ l-ahjar ghaz-zewg uliedhom komuni. Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz mid-decizjonijiet fil-konfront ta' uliedu li jirrigwardaw is-sahha u s-safar.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi filwaqt li l-kura u kustodja tkun esklussivament f'idejn l-omm inkluz dwar decizzjonijiet dwar l-edukazzjoni taghhaom, decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw is-sahha u s-safar tal-minuri ghandhom jittiehdu flimkien miz-zewg genituri. Fin-nuqqas ta' ftehim isir rikors lill-Qorti.

Il-Qorti ma hiex twaqqaf b'mod permanenti kwalunkwe kuntatt bejn il-missier u l-minuri izda dan ma jistax isehh jekk qabel il-konvenut ma juriex ir-rieda li jixtieq li jerga' jistabbilixxi kuntratt maz-zewg uliedu, kif ukoll illi jkun lest li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Perita Psikologa Carmen Sammut li l-Qorti qeghda tabbraccja u tadotthom fl-intier taghhom. Fl-eventwalita' li l-missier ikun lest li jipprocedi f'din id-direzzjoni huwa ghandu qabel xejn jattendi ghal terapija li ghandu jwassal ghal ezercizzju ta' access ghall-minuri f'ambjent ta' *family therapy* kif irrakkomandat l-espert psikologa Carmen Sammut fir-rapport taghha. Ghal dan il-fini il-Qorti tappunta lill-psikologa Carmen Sammut (jew psikologu iehor nominat mill-Qorti f'kaz jirrizulta li Carmen Sammut ma tistax jew ma tkunx f'pozizzjoni li tadempixxi dan l-inkarigu), sabiex a spejjez tal-konvenut, izzomm sessjonijiet ta' *family therapy* ghall-konvenut u ghaz-zewg minuri, bil-

modalita' u frekwenza li tistabblixxi l-Psikologa. L-iskop ta' tali ezercizzju jkun li jwassal ghal sitwazzjoni fejn il-konvenut jezercita access ghaz-zewgt uliedu minghajr supervizjoni kemm il-darba jsir rikors fuq rakkomandazzjoni ta' l-istess espert psikologka.

Ghal dan il-fini, il-Qorti tordna lill-attrici li tiehu lill-minuri ghas-sessjonijiet ta' *family therapy* ghand l-espert psikologista hawnhekk nominata u ghalhekk tipprovdi dwar ir-rikors tal-konvenut tal-11 ta' Awwissu 2017 billi tilqghu fis-sens hawn deciz.

**Manteniment ghall-Minuri**

In segwitu ghad-decizjoni li l-minuri jibqghu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghaz-zewgt uliedhom minuri. Permezz ta' digriet moghti fit-8 ta' Marzu 2016, il-konvenut gie ordnat illi jhallas manteniment lill-attrici ghall-minuri *pendente lite* fis-somma komplessiva ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar, liema somma tinkludi l-ispejjez ordinarji ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, pju` nofs l-ispejjez straordinarji ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma gabx prova dwar l-introjtu tieghu u dwar l-ispejjez li ghandu, u fl-istess hin qatt ma lmenta bid-digriet tat-8 ta' Marzu 2016 u bl-ammont ta' manteniment li gie kkundannat li jhallas ghal uliedu.

Minhabba li ma tezisti l-ebda komunikazzjoni bejn iz-zewg genituri, u minhabba li fil-fehma tal-Qorti hemm ir-riskju illi kuntatt bejniethom fl-immedjat jista' jwassal ghal ripetizzjoni ta' l-incidenti simili ghal dawk tal-passat, il-Qorti tqies illi jkun ahjar li l-Qorti tistabbilixxi somma wahda bhala manteniment ghall-minuri li tkun tinkludi wkoll il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tqis illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghal kull wild; li tinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha; b'dan illi l-manteniment; pagabbli sallum ghandu jibqa' regolat bid-digriet pendente lite vigenti sallum; liema somma ghandha tizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond iz-zieda fl-indici ta' l-gholi tal-hajja, u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw *full-time*, u dan sakemm jaghlqu 23 sena. Kwalunkwe allowance tat-tfal u beneficcji ohra tal-ulied ghandhom jigu percepiti mill-omm.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Il-partijiet talbu x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-likwidazzjoni taghha f'zewg porzjonijiet.

***Dar matrimonjali gewwa 'Evergreen', Flat 2, Triq Pietru Xuereb, Pieta***

Il-fond matrimonjali gie akkwistat mill-partijiet flimkien qabel iz-zwieg taghhom u ghalhekk ma jidholx fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet. Biex sar l-akkwist, il-partijiet hadu self bankarju minghand is-socjeta` Bank of Valletta plc u jirrizulta illi sas-17 ta' Dicembru 2015, kien ghad hemm pendenti debitu bilancjali ta' €24,162.82 dovut mill-partijiet bejniethom fil-kont bin-numru 3021575301-5[11]. Mill-atti jirrizulta wkoll illi r-ripagamenti fuq dan is-self bankarju fis-somma mensili ta' €153.83, jaghmilhom il-konvenut, filwaqt illi l-attrici thallas il-premium annwali fis-somma ta' €582.34 fuq il-polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja (MSV Life) li tinsab mirhuna a favur l-imsemmi bank bhala garanzija ghall-hlas tas-self fuq l-istess fond matrimonjali, kif ukoll il-premium annwali fis-somma ta' €62.60 fuq il-polza ta' assigurazzjoni fuq il-binja in kwistjoni[12].

Jirrizulta ulterjorment illi l-attrici hallset is-somma totali ta' €6,764.49 konsistenti f'24[13] ripagament ta' Lm121 (jew €281.85) fix-xahar, akkont tas-self fuq id-dar matrimonjali sad-data taz-zwieg[14]. Il-konvenut ma gab ebda prova biex jissostanzja l-allegazzjoni li ghamel fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, illi huwa kien jghaddi l-flus lill-attrici qabel iz-zwieg biex thallas ir-ripagamenti tas-self bankarju fuq id-dar matrimonjali u ghalhekk, il-Qorti tqis illi l-ammont komplessiv imhallas mill-attrici qabel iz-zwieg f'dan ir-rigward, ghandu jigi rifuz lilha mal-bejgh tal-fond.

Giet esebita valutazzjoni tal-fond matrimonjali ghall-finijiet tal-bejgh tieghu, fil-prezz ta' €138,000, jidher li z-zewg partijiet jaqblu ma' din l-istima. Fic-cirkostanzi, ghalkemm id-dar ma tifformax parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti hija tal-fehma illi dan l-assi ghandu jigi likwidat sabiex kull parti tista' tircievi sehemha mill-valur tieghu, u ghal dan il-fini tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles ghal mhux inqas mill-imsemmi prezz ta' €138,000 u, fin-nuqqas li dan isehh fi zmien sena, il-fond jinbiegh fis-subbasta skond il-ligi, u r-rikavat jinqasam b' mod ugwali bejn il-partijiet, salv ghal dak li ser jigi provdut hawn taht.

Billi kif diga` deciz, l-attrici ddekadiet minn sehemha ta' l-akkwisti li saru iktar bil-hila tal-konvenut wara Novembru 2014, minn sehem l-attrici mir-rikavat tal-

---

[11] Dok. JB11.
[12] Poloz bin-numri FP429751 u P95009884, rispettivament.
[13] Bejn Novembru 2000 sa Ottubru 2002.
[14] Kont Numru 102-1221101-7, Dok. JB1.

bejgh ghandu jitnaqqas l-ammont ta' €5,384.05 ossia l-ekwivalenti ta' 35 ripagament maghmul mill-konvenut akkont tas-self bankarju wara l-ahhar ta' Novembru 2014 sal-lum.

Fl-istess hin, billi l-attrici hallset is-somma komplessiva ta' €6,764.49 qabel iz-zwieg akkont tas-self bankarju, minn sehmu mir-rikavat mill-bejgh tal-fond matrimonjali il-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici l-imsemmija somma ta' €6,764.49.

Il-Qorti tordna illi mil-lum 'il quddiem, is-self bankarju dovut fuq il-kont bin-numru 3021575301-5 mas-socjeta` Bank of Valletta plc, gravanti d-dar matrimonjali tal-partijiet, jithallas nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut sakemm jinbiegh l-istess fond. Bl-istess mod, ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-partijiet, il-premia dovuti fuq iz-zewg poloz ta' assigurazzjoni marbutin mal-fond matrimonjali, sakemm dan il-fond jinbiegh, bid-dritt ta' kull parti li tnaqqas mis-sehem tal-parti l-ohra mir-rikavat tal-bejgh, kwalsiasi ammont li tkun hallset iktar minn sehmha kif hawn provdut.

Jirrizulta mill-kontijiet bankjari esebiti fl-atti, li ma hemm ebda self iehor bankarju pendenti u l-uniku debitu li ghandhom il-partijiet huwa fuq is-self bankarju gravanti d-dar matrimonjali fil-kont bin-numru 3021575301-5.

L-attrici tippretendi[15] wkoll li tigi rifuza mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, is-somma komplessiva ta' €7,213.35 rapprezentanti hlasijiet ta' ameljoramenti li tghid li ghamlet fil-fond qabel iz-zwieg. Il-konvenut jikkontesta dan l-ammont u jaqbel biss illi l-attrici ghandha tigi rifuza l-prezz tal-bibien li kienet xtrat ghal dan il-fond qabel iz-zwieg. Izda l-Qorti tqis li l-bibien huma accessorju ossia *fitting* li ma jitnehhiex u li jinbiegh mal-fond. Lanqas jirrizulta li hemm xi talba mill-konvenut li dawn jigu assenjati lilu, liema talba kieku setghet tiggustifika l-pretensjoni ta' l-attrici ghar-rifuzjoni tal-prezz taghhom. Ghalhekk, ma hemmx lok ghal rifuzjoni lill-attrici tal-prezz tal-bibien fil-fond matrimonjali.

B'referenza ghall-fatturi u ricevuti ohrajn esebiti mill-attrici a fol. 456 *et seq.*, huwa osservat li l-attrici baqghet ma xehditx dwarhom u lanqas sostniet il-pretensjoni taghha li dawn l-ammonti ghandhom jigu rifuzi lilha mir-rikavat tal-bejgh tad-dar. Il-Qorti tinnota li dawn jirreferu ghall-appliances u aperturi li ilhom fil-fond sbatax-il sena shah, u ghalhekk, sejra taghmel fir-rigward taghhom l-istess osservazzjonijiet li diga` ghamlet relattivament ghall-bibien, salv ghal dak li ser jigi provdut taht l-intestatura "*Mobbli fid-Dar Matrimonjali*".

***Mobbli fid-Dar Matrimonjali***

[15] Nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici, a fol. 487, b'referenza ghal Inv. 1 sa Inv. 9 esebiti a fol. 456 *et seq.*

Jigi osservat illi ghalkemm l-attrici pprezentat lista tal-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u r-risposta tal-konvenut dwar l-istess lista[16], il-partijiet ma gabu ebda prova dwar il-valur, u ma ghamlu ebda pretensjonijiet ohrajn dwar il-mobbli li jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, lanqas dwar lil min minnhom ghandhom jigu assenjati dawn il-mobbli. L-uniku qbil li jidher li hemm bejn il-partijiet huwa fis-sens illi l-mobbli elenkati fl-imsemmija lista taht l-intestatrua "*Kcina*" u "*Main Bedroom Solid Oak*" huma parafernali ta' l-attrici. Ghalhekk dawn sejrin jigu assenjati lilha, ghajr ghall-*fitted kitchen u l-built-in appliances* li jinbieghu mal-fond kif diga` deciz iktar qabel.

Ghall-bqija, il-Qorti ma hijiex sejra tipprovdi dwar l-assenjazzjoni tal-mobbli l-ohrajn li jistghu jinsabu fil-fond matrimonjali izda tordna minflok illi dawn ghandhom jinbieghu u l-partijiet jaqsmu r-rikavat b'mod ugwali bejniethom.

***Vetturi***

Fir-rigward tal-vettura li jirrizulta li nxtrat mill-partijiet waqt iz-zwieg permezz ta' self bankarju fis-somma ta' €8,153 kif jirrizulta minn Dok. 'Car Loans'[17], ma jirrizulta ebda prova fl-atti dwar il-valur attwali ta' din l-istess vettura u lanqas dwar il-marka taghha[18]. Billi jidher li din il-vettura tintuza biss mill-konvenut u tinsab fil-pussess tieghu, oltre l-fatt li s-self ghall-akkwist gie saldat waqt iz-zwieg, il-Qorti tqis li din ghandha tigi assenjata lill-istess konvenut. In linea ta' kunsiderazzjoni, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ammont li qed jigi likwidat *arbitrio boni viri* ta' €1,000, u dan tenut kont tal-fatt illi llum din il-vettura ilha diga` tmien snin li nxtrat[19], u ma jirrizultax mill-atti jekk il-vettura gietx akkwistata gdida jew *second-hand*.

***Kontijiet Bankarji***

Il-Qorti tosserva li l-partijiet ma ghandhom ebda kont bankarju konguntiv bejniethom oltre ghas-self bankarju gravanti d-dar matrimonjali u ghalhekk kull parti qed tigi assenjata l-kontijiet bankarji li jinsabu intestati f'isimha biss, inkluz id-debiti bilancjali fuq *credit card accounts*, skond kif jirrizulta mill-istatements esebiti fl-atti ta' din il-kawza.

Ferm il-premess, jirrizulta illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-ammont bilancjali ta' elfejn tliet mija u tmenin Euro u erbgha u erbghin centezmu

[16] Dok. JOS a fol. 230.
[17] Fol. 419 *et seq.*
[18] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut jghid li l-vettura hija Toyota Vitz.
[19] Fil-waqt illi s-sanction letter Dok. Car Loan, inharget fis-sena 2009, il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li l-vettura nxtrat fis-sena 2005 f'liema kaz illum ghandha 12-il sena.

(€2,380.44), liema somma l-Qorti tordna illi ghandha tithallas lill-attrici minn sehem il-konvenut tar-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali kif gja` deciz.

**Talbiet Ohrajn**

**Oggetti tal-minuri W X**

Fir-rigward tar-rikors ta' l-attrici ta' l-14 ta' Gunju 2016 ghar-ritorn ta' oggetti tat-tifla minuri W X, u r-rikors tal-konvenut datat 24 ta' Gunju 2016 biex il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti taghha tal-5 ta' Mejju 2016 u 31 ta' Mejju 2016 fir-rigward ta' l-istess oggetti li talbet il-konsenja taghhom l-attrici, il-Qorti tinnota li hemm kontradizzjoni bejn il-verzjonijiet taz-zewg partijiet fir-rigward. Billi ma tressqu ebda provi ulterjuri mill-attrici biex tissostanzja l-verzjoni taghha, il-Qorti mhix konvinta illi l-oggetti msemmija mill-attrici fir-rikors taghha ta' l-14 ta' Gunju 2016, verament jinsabu fil-pussess tal-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti tipprovdi definittivament dwar iz-zewg rikorsi tal-partijiet fuq imsemmija billi filwaqt li tichad ir-rikors ta' l-attrici, tilqa' r-rikors tal-konvenut billi tqis li l-oggetti diga` konsenjati lill-attrici fl-10 ta' Gunju 2016, kif registrati fl-inventarju pprezentat minn Dr. Christine Bellizzi, gew ikkonsenjati lilha a saldu ta' kull oggett pretiz mill-istess attrici minghand il-konvenut li jappartjenu lill-minuri W X.

**ARMS Limited**

B'referenza ghar-rikors ta' l-attrici ipprezentat fid-9 ta' Mejju 2017 ghall-hlas tal-kontijiet li ghadhom dovuti lil ARMS Limited, l-attrici tghid li l-kont a fol. 376 (Dok. JZ1) fis-somma ta' €497.25, ghadu sal-lum ma thallasx mill-konvenut. Skond id-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2017, il-Qorti ordnat li dan il-kont, in kwantu jirreferi ghal zmien antecedenti l-15 ta' Novembru 2014 ossia d-data meta l-konvenut telaq mill-fond matrimonjali, ghandu jithallas mill-konvenut esklussivament. Il-konvenut ma jidhrix li kkontesta l-fatt li ghadu ma hallasx dan il-kont u ghalhekk il-Qorti tipprovdi dwar ir-rikors ta' l-attrici tad-9 ta' Mejju 2017 in kwantu ghall-kont ta' ARMS Limited, billi tilqghu u <u>tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' €497.25 lill-attrici a saldu ta' kull ammont minnu dovut in konnessjoni mal-kontijiet ta' ARMS Limited dwar il-fond matrimonjali</u> bl-obbligu fuq l-attrici li tissalda l-kont de quo.

**Poloz ta' Assigurazzjoni**

Riferibbilment ghat-talba ta' l-attrici fl-istess rikors taghha tad-9 ta' Mejju 2017 ghall-hlas tas-somma bilancjali ta' €322.47 rapprezentanti nofs l-ammont dovut ghall-hlas tal-premia taz-zewg poloz ta' assigurazzjoni marbutin mal-fond matrimonjali li thallsu mill-attrici ghall-perijodu 2015-2016, kif jirrizulta mid-

dokumenti Dok. JZ2, JZ3 u JZ4[20], il-Qorti rat illi sal-lum, il-konvenut ma gab ebda prova li hallas l-ammont pretiz mill-attrici, u ghalhekk tqis illi ghall-perijodu 2016-2017 huwa dovut mill-konvenut somma ulterjuri ta' €322.47. Ghalhekk, il-Qorti tipprovdi ulterjorment dwar ir-rikors ta' l-attrici tad-9 ta' Mejju 2017 billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' €644.94.

Tipprovdi ulterjorment illi l-ammonti dovuti fuq il-poloz ta' assigurazzjoni fuq id-dar matrimonjali li jsiru dovuti sakemm jinbiegh il-fond, jibqghu jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Kunjom**

Finalment, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attrici maghmula fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha biex tirreverti ghal kunjomha xbubitha, **Curmi.**

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro-talba u tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, billi in kwantu ghat-talbiet attrici:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrii limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda minhabba ragunijiet imputabbli principalment lill-attrici, ossia adulterju u sevizzi fil-konfront tal-konvenut, kif ukoll, b'mod sussidjarju, minhabba sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri W u L ahwa X tigi fdata esklussivament f'idejn ommhom l-attrici, bi dritt ta' access ghall-minuri a favur il-konvenut u bil-kundizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja u Access tal-Minuri*";

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba ta' l-attrici billi tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta' manteniment ta' wlied minuri tal-partijiet, is-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha; liema manteniment jithallas skond kif stabbilit fid-digriet tat-8 ta' Marzu 2016 moghti *pendente lite* u jizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja filwaqt li jibqa' jithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time u dan sakemm

[20] Fol. 378 *et seq.*

jaghlqu 23 sena. Ghalhekk filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, tichad il-kumplament tat-tielet talba attrici;

4. Tichad ir-raba' talba ta' l-attrici u tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenut;

5. Tilqa' l-hames talba attrici limitatament billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha bil-mod ordnat supra taht l-intestatura "*Komunjoni ta' l-Akkwisti*" u "*Talbiet Ohrajn*", oltre li tassenja lill-attrici l-oggetti parafernali taghha kif indikati taht l-intestatura "*Mobbli fid-Dar Matrimonjali*", filwaqt li tilqa' wkoll il-hames eccezzjoni tal-konvenut u tistabbilixxi d-data minn meta l-attrici ghandha tigi kkunsidrata hatja tal-firda bhala 15 ta' Novembru 2014;

6. Tilqa' s-sitt talba limitatament billi tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48(1)(a);

7. Tilqa' s-seba' talba ta' l-attrici in kwantu hija kompatibbli ma' dak ordnat supra taht l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akkwisti".

In kwantu ghall-kontro talba tal-konvenut, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici in kwantu mhux kompatibbli ma' dan hawn deciz, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-istess kontro-talba hekk kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputabbli principalment lill-attrici, ossia adulterju u sevizzi fil-konfront tal-konvenut, izda wkoll, ghalkemm b'mod sussidjarju, minhabba sevizzi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici;

2. Tichad it-tieni talba u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri W u L ahwa X tigi fdata esklussivament f'idejn ommhom l-attrici, bi dritt ta' access ghall-minuri a favur il-konvenut u bil-kundizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura "*Kura u Kustodja u Access tal-Minuri*";

3. Tichad it-tielet talba;

4. Tilqa' r-raba' talba tal-konvenut u tiddikjara li l-attrici ddekadiet minn kull jedd ta' manteniment taghha skond il-Ligi;

5. Tilqa' l-hames talba;

6. Tilqa' s-sitt talba u tapplika fil-konfront ta' l-attrici s-sanzjonijiet kollha kontemplati mill-Artikolu 48(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Tilqa' s-seba' talba billi tiddikjara xolta l-komunjoni ta l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha bil-mod ordnat supra taht l-intestatura "*Komunjoni ta' l-Akkwisti*" u "*Talbiet Ohrajn"*, oltre li tassenja lill-attrici l-oggetti parafernali taghha kif indikati taht l-intestatura "*Mobbli fid-Dar Matrimonjali"*, u bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48(1) *in toto* kontra l-attrici u tistabbilixxi d-data li minnha l-attrici kienet hatja tal-firda, bhala 15 ta' Novembru 2014;

8. Tichad it-tmien talba;

9. Tichad id-disa' talba fuq nuqqas ta' provi.

L-ispejjez tat-talba principali u tal-kontro-talba jithallsu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attrici u in kwantu ghal terz (1/3) mill-konvenut, filwaqt li l-ispejjez tas-sessjonijiet ta' *family therapy* ordnat supra taht l-intestatura "*Access ghall-Minuri*" jithallsu esklussivament mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**